MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 512/2003

**Chris Diamantino u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2003, isem u kunjom il-konvenut gie jaqra "Christoffel Seifo Diamanino ID 85472(M)" kif ukoll giet kjamata in kawza Grand Interior Creations Limited u Carm. A. Fenech bhala likwidatur ta' l-istess u ghan-nom taghha.**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Marzu 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta' Lm358.08 (tlett mija tmienja u hamsin lira Maltin u tmien centezmi) rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' merkanzija ordnata u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta` attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u hamsin liri Maltin u

tmien centezmi (Lm358.08), rapprezentanti bilanc fuq prezz ta’ merkanzija minnu ordnata u debitament ikkonsenjata skond kif jidher mill-prospett anness u mmarkat Dok A.

Interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa` inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-30 ta’ Ottubru, 2002, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Il-konvenut (li jismu Christoffel Scifo Diamantino u mhux kif erroneament indikat fl-okkju ta’ t-Talba promotrici) jecepixxi li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan stante:

(a) karenza ta’ relazzjoni guridika bejn il-partijiet, bhala eccezzjoni preliminari;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi mill-atti preliminari ma jirrizultax effettivament minn hu propjament id-debitur, verso s-socjeta’ attrici ossia l-odjern konvenut jew is-socjeta’ Grand Interior Creations Ltd. Din is-socjeta’ kostitwita bejn il-konvenut u certu Ian Tabone ma damitx hafna topera anzi lanqas bdiet u giet stralcjata . Kif xehed l-istralcjarju, id-debitu ma deherx fil-kotba ghax il-konvenut qatt ma qallu bih ( vide xhieda a Fol 19 seduta tat-12 ta' Ottubru 2004). Jirrizulta anki minn xhieda tal-konvenut stess li l-oggetti gew installati fil-hanut taghhom (seduta tas-7 ta' Dicembru 2004).

L-aqwa xhud li seta jillumina lil partijiet u lit-Tribunal ta' xhiex effettivament kien in-negozju kien l-istess ta'

Tabone. Kien partner mal-konvenut, ordna u ha x-xoghol meta zarmaw qabel ma bdew, hallas sehemu ossia lis-socjeta’ attrici. Skond Nicholas Ferris li xehed fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2004 il-konvenut ma riedx jonora l-pagament ta' sehemu mhux ghax ma kellux jghati izda minhabba kwistjoni ohra li kellu mieghu, kwistjonijiet li huma res inter alios acta ghas-socjeta’ attrici.

Illi ma jistax ikun li persuna tbiegh in bona fede lit-terzi u wara dana jistahbew wara paraventu biex ma jhallsux dak minnhom dovut. Dana anke mill-lat strettament ta' ekwita li persuna ghandha thallas ta' dak li tkun hadet. Ir-raguni ghaliex ma dahhlietx fil kontijiet tal-kumpanija jafuhom Ian Tabone u l- konvenut stess, pero' is-socjeta' attrici trid tithallas, aktar u aktar meta l-kuntratt ma giex onorat.

Jiddeciedi lili filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici u jikkundannah ihallas l-istess somma ta Lm 358.08 bl-ispejjes u interessi salv kull dritt, lil konvenut 'si et quatenus kontra l-istess Ian Tabone u Carm. A Fenech bhala stralcjarju tas-socjeta’ Grand Interiors Creations Ltd.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------